# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 36**
**Rikors Guramentat Numru : 293/2014/LSO**

**Josephine Mifsud (ID592964(M))**

**vs**

**B' digriet tal-15 ta' Mejju 2014 gew nominati Dr. Noel Bartolo u l-PL Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' Nazzareno Azzopardi li miet nhar il-1 ta' Frar 2011**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Josephine Mifsud ID 592964(M) datat 8 ta’ April 2014 fejn esponiet: -

Illi r-rikorrenti tigi bint il-mejjet Alfred Mifsud u Maria Mifsud xebba Azzopardi;

Illi r-rikorrenti Josephine Mifsud thalliet bhala wirt permezz ta' testament fl-atti tan-Nutar Hugh Grima tat-tnax (12) ta' Frar 2006 b'titolu ta' prelegat il-fond tnejn u tletin (32) Triq it-Twila Zebbug, Malta u r-remissa ma’ genb l-imsemmi fond, u dan kif jirrizulta mill-anness ricerki testamentarji u testament hawnhekk markati bhala **Dok A 1 sa A 3 inkluzi;**

Illi skont it-testment ta' omm l-attrici, Maria Mifsud halliet ukoll il-fond numru wiehed (1) Triq Santa Maria H'Attard ;

Illi r-rikorrenti ghamlet kuntratt dikjarazzjoni *causa mortis* wara l-mewt ta' ommha fejn jirrizulta li ommha halliet lil attrici Josette Mifsud pre-legat tal-fond tnejn u tletin u r-remissa bin-numru tlieta u tletin (33) Triq it-Twila Zebbug Malta;

Illi ghalhekk l-attrici llum il-gurnata hija sid zewg terzi (2/3) tal-fondi esternament immarkati tnejn u tletin (32) u tlieta u tletin (33) gewwa Triq it-Twila Zebbug Malta;

Illi f’ dawn il-fondi hemn inkwilin protett bl-isem ta' Carmelo Baldacchino bin-numru tal-karta ta' l-identita' 526747(M) u hemm ukoll il-familja tieghu li kopja ta' dan jirrizulta kemm mill-kopja ta' l-ircevuti tal-kera kif ukoll mid-dokument tar-Registru Elettorali ta' April 2013 li kopja taghhom qieghdin jigu hawn annessi bhala **Dok A 4 u A 6 inkluzi.**

Illi rrikorrenti ma tixtieqx aktar tibqa' in komuni maz-ziju taghha li jismu Nazzareno Azzopardi liema Nazzareno Azzopardi kien ghad kellu terz indiviz ta' dawn il-proprjetajiet mertu ta' din il-kawza;

Illi r-rikorrenti giet infurmata li Nazzareno Azzoaprdi li kien jghix l-Awstralja miet u miet nhar il-1 ta’ Frar 2011 li kopja tac-certifikat tal-mewt qieghed jigi hawn anness bhala **Dok A7**;

Illi r-rikorrenti ma tafx minn huma l-eredi tieghu, u kwindi issa tixtieq tixtri u takkwista t-terz sehem indiviz li m'hijiex propjeta' taghha;

Kwindi ghalhekk l-attrici tixtieq tiddepozita s-somma necessarja kif mitluba minn Perit nominandi sabiex b'hekk tixtri u takkwista r-rimanenti terz indiviz li ghadu m'hijiex proprjeta' taghha, sabiex b'hekk issa takkwista l-intier ta' dawn iz-zewg fondi bin-numri esterni tnejn u tletin (32) u tlieta u tletin (33) gewwa Triq it-Twila (Long Street) Zebbug Malta;

Jghidu l-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna l-ghala din il-Qorti ma' ghandhiex -

1. Taqta' u tiddeciedi li r-rimanenti terz indiviz tal-fond 32 u 33 Long Street Zebbug, Malta, proprjeta' tal-werrieta ta' Nazzareno Azzopardi ma ghandhiex tinbiegh lill-attrici u dan prevja u jekk hemm bzonn wara li ssir stima minn Perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti;

2. Tiddikjara li wara jithallas s-somma dovuta permezz ta' cedola fir-Registru tal-Prim'Awla Tal-Qorti Civili, t-terz indiviz proprjeta' ta' l-eredita' gjacenti ta' Nazzareno Azzopardi tigi trasferita a favur ta' l-attrici Josephine *sive* Josette Mifsud, sabiex effettivament l-attrici Josette Mifsud issir il-proprjetarja assoluta tal-fond 32 u 33 Triq it-Twila Zebbug, Malta;

3. Tahtar u tappunta Nutar Pubbliku u kwalunkwe kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-eredi ta' Nazzareno Azzopardi, u dan taht dawk il-kondizzjonijet u provvedimenti li din il-Qorti thoss li huma idoenji fic-cirkostanzi;

Rat ir-rikors ta' Josephine Mifsud datat 8 ta' April 2014 a fol 14 tal-process fejn talbet lill-Qorti tappunta kuraturi in rapprezentenza tal-eredita` gjacenti tal-mejjet Nazzareno Azzopardi; u l-Qorti bid-digriet taghha tal-15 ta' Mejju 2014 (fol 23) innominat lil Dr Noel Bartolo u lil PL Hilda Ellul Mercer bhal kuraturi deputati ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi u rrevokat *contrario imperio* d-digriet tas-6 ta' Mejju 2014 biss fejn gew nominata Dr Anthony Cutajar u L-PL Madeline Firman.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Gunju 2014.

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr. Noel Bartolo (ID 543473(M) u l-P.L. Hilda Ellul Mercer fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil eredita` gjacenti ta' Nazzareno Azzopardi nominati b'digriet tal-15 ta' Mejju 2014, datata 30 ta' Mejju 2014 (fol 30) fejn bil-gurament tieghu Dr. Noel Bartolo fil-kwalita` tieghu premessa jikkonferma: -

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, *oltre* dik diga provduta fir-rikors guramentat.

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti kollha inkluz dak tat-30 ta' April 2015 fejn meta ssejhet il-kawza ftit minuti qabel il-hin, deher Dr. Noel Bartolo bhala kuratur li rrimetta ruhu ghar-rapport tal-Perit Tekniku u ddikjara li billi l-attrici ddikjarat li m'ghandhiex mezz kif tista' tikkomunika mal-assenti, l-kuraturi deputati m'ghandhomx provi xi jressqu u fil-kaz il-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet posposta.
Meta regghet issejhet il-kawza fil-hin, ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolo ghad-9

ta' Lulju 2015 fid-9:30a.m. Aktar tard deher Dr Mark Attard Montalto li ha konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Gunju 2015 a fol 65 tal-process fejn il-Qorti deherilha li tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex il-kuratur jinghata l-opportunita` li jaghmel kuntatt mal-persuna S Rogers, f' 9 Bonnet Avenue, Como west 2226 li x' aktarx hija bint id-decujus. Ghaldaqstant issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sakemm ikun hemm aktar informazzjoni mill-kuratur deputat.

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta' Lulju 2015 u tal-20 ta' Ottubru 2015 fejn fl-ahhar seduta meta ssejhet il-kawza deher Dr Mark Attard Montalto ghall-attrici u Dr Noel Bartolo bhala kuratur. Dr Bartolo nforma lill-Qorti li baqa' ma rcieva l-ebda risposta ghall-kommunikazzjoni tieghu, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Jannar 2016 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, r-rikorrenti qed titlob lil din il-Qorti sabiex s-sehem indiviz tal-eredita` gjacenti ta' Nazzareno Azzopardi tinbiegh lilha u dan fir-rigward tal-fond tnejn u tletin (32) Triq it-Twila Zebbug Malta, u r-remissa ma' genb l-imsemmi fond, f'liema fond hemm

inkwilin protett bl-isem ta’ Carmelo Baldacchino, u l-familja tieghu.

Il-kuraturi eccepew li mhumiex edotti mill-fatti u rriservaw li jecepixxu ulterjorment kemm ‘il darba jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimati.

**Fatti:**

Illi jirrizulta li r-rikorrenti akkwistat permezz ta’ prelegat mill-wirt ta' ommha Maria Mifsud nee` Azzopardi, kull sehem li kellha t-testatrici mill-fond tnejn u tletin (32) u r-remissa bin-numru tlieta u tletin (33) Triq it-Twila Zebbug, wara l-mewt ta’ ommha skont testment datat 12 ta’ Frar 2006. (fol 7-9). Bl-istess testment thalliet bi prelegat sehem it-testatrici mill-fond wiehed (1) fi Triq Santa Marija, Attard. Illi hi akkwistat zewg terzi (2/3) indivizi ta’ dan il-fond billi r-rimanenti terz (1/3) indiviz kien jappartjeni lil Nazzareno Azzopardi.

Mary Mifsud mietet fit-3 ta' Gunju 2009. Nazzareno Azzopardi kien kien ighix l-Awstralja, u miet fl-1 ta’ Frar 2011 (fol 54). Ir-rikorrenti pprocediet f’dan il-kaz biex tinbiegh lilha r-rimanenti terz tal-proprjeta` in kwistjoni.

**Provi:**

**Josephine Mifsud** xehdet permezz ta’ affidavit (fol 52-53) qalet li hija bint Maria Mifsud, u l-fondi 32, 33 triq it-Twila Zebbug, huma provenjenti mill-familja ta’ ommha, mill-wirt tal-genituri taghha Lucrezio u Annunziata Azzopardi, in forza ta' testment *unica charta* ppubblikat minn Nutar Philip

Saliba fil-31 ta' Ottubru 1962. B'dan it-testment, it-testaturi istitwew lit-tlett uliedhom b'eredi universali fi kwoti indaqs bejniethom, cioe`, Maria mart Alfred Mifsud, Giuseppe u Nazzareno, lkoll ahwa Azzopardi. Giuseppe kien premorjent ghal hutu u t-terz (1/3) indiviz tieghu gie mholli lil Maria Mifsud. (**Dok A8 u A9**).

Illi meta mietet ommha u halliet it-testment datat 12 ta' Frar 2006 hija hallitilha z-zewg terzi ndivizi li kienu jappartjenu lilha b'legat il-fondi 32, u 33 Triq it-Twila, Zebbug. L-attrici ddenunzjat il-wirt ta' ommha permezz ta' dikjarazzjoni *causa mortis* ippubblikat min- Nutar Dorienne Arapa fit-2 ta' Marzu 2010 (**Dok A10**).

Nazzareno Azzopardi miet fl-Awstralja fl-1 ta' Frar 2011 hekk kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt tieghu (Dok A7 fol 52). Qalet li taf li Nazzareno Azzopardi kien mizzewweg, martu mietet qablu u kien adotta tifla li hija ma tafhiex, u pprocediet b'dan il-kaz biex tixtri dan it-terz indiviz li kien sehmu. Semmiet li l-fondi 32 u 33 fi Triq it-Twila Zebbug, fil-fond 32 hemm inkwilin protett b'titolu ta' enfitewsi temporanja.

Illi wkoll esebiet kopja tal-att ta' koncessjoni enfitewtika ghal zmien 21 sena, tal-fondi in mertu tan-Nutar Joseph Felix Abela tal-1 ta' Gunju 1984. Illum il-gurnata il-fond 32 Long Street Zebbug huwa mikri lil Carmelo Baldacchino.

## Stima tal-Perit tekniku nnominat mill-Qorti:

Din il-Qorti nnominat Perit Tekniku sabiex jaghmel stima tal-proprjeta` in mertu.

Il-Perit Tekniku nominat minn din il-Qorti, fir-rapport tieghu pprezentat fit-2 ta' Ottubru 2014 debitament mahluf (fol 37 *et sequitur* tal-process). Huwa rrelata li wara li ha konjizzjoni tal-punti msemmija fir-rapport tieghu, u tal-lok, u kif ukoll wara li kkonsidra li l-fond huwa abitat minn terzi b'kirja ta' qabel l-1995, kkonkluda li l-valutazzjoni tal-fond numru tnejn u tletin (32) Triq it-Twila Zebbug ghandha tkun ta' tmienja u erbghin elf ewro (€48,000). U kkonkluda wkoll li l-valutazzjoni tar-remissa magenb dan il-fond, bin-numru tlieta u tletin (33) triq it-twila Zebbug, tenut kont tal-fatti msemmija fir-rapport tieghu, ghandha tkun ta' wiehed u ghoxrin elf ewro (€21,000). U l-valur tal-proprjetajiet flimkien jammonta ghal disgha u sittin elf ewro (€69,000).

B'hekk il-valur tas-sehem ta' terz (1/3) indiviz huwa ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000).

## Konsiderazzjonijiet ta' dritt:

Ikkonsidrat li hadd ma jista' jigi mgieghel jibqa' fil-komunjoni u kull wiehed mill-komproprjetarji jista' dejjem, ghad li jkun hemm ftehim xort' ohra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm dispost mod iehor bl-ahhar volonta` tat-testatur (**artikolu 496 tal-Kap 16 tal-Ligijiet**

**ta' Malta**). Inoltre` kull komproprjetarju ghandu l-proprjeta` shiha tas-sehem tieghu u tal-qliegh jew frottijiet ta' dak is-sehem (**artikolu 495 tal-Kap 16**).

**L-Artikolu 495 (2)** tal-Kap 16 jipprovdi li:

"*Kull komproprjetarju jista' jitrasferixxi, icedi, jew jipoteka dan is-sehem kif irid, u jista' wkoll, bla hsara tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 912, iqieghed floku lil haddiehor fit-tgawdija ta' dak is-sehem, basta li ma jkunux jidhlu jeddijiet personali*."

**L-Artikolu 495(3)** jiddisponi:

*"Meta l-werrieta f'xi wirt jibqghu izommu in komun bejniethom, proprjeta` li tkun gejja mis-successjoni ghal izjed minn ghaxar snin u ma tkun ittiehdet ebda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal iehor ghall-qsim tal-proprjeta` fi zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni u l-ishma tal-werrieta fl-imsemmi wirt ikunu l-istess fuq l-assi kollha tal-wirt, kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jitqies li jkun komproprjetarju ta' kull haga f'dik il-proprjeta` hekk mizmuma in komun.*

*Izda, dan is-subartikolu ma ghandux japplika:*

*(a) meta l-proprjeta` mizmuma in komun tkun soggetta ghal xi dritt ta' abitazzjoni, uzu jew uzufrutt, ghal dak iz-zmien li fih ikun fis-sehh dak id-dritt."*

Illi l-**Art. 495A** dahal fil-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta in forza tal-att XVIII tal-2004. Id-dispozizzjoni taghti l-fakolta` lill-Qorti li tawtorizza bejgh ta' proprjeta` in komuni meta l-bejgh jinzamm minn xi komproprjetarji kapriccozament.

**L-Art. 495A (1) jghid:**

*"Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indivizjoni forzata, meta xi haga tkun inzammet in komun ghal izjed minn ghaxar snin, u hadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal iehor ghal qsim ta' proprjeta` li tkun qed tinzamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftehmu dwar il-bejgh ta' xi proprjeta` partikolari ta' bejniethom, il-qorti ghandha, jekk tkun sodisfatta li hadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament pregudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgh skont m ajkun jixtieq l-akbar ghadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu."*

Il-hsieb tal-ligi hu li tinghata procedura relattivament semplici u ta' malajr biex jintemm stat ta' komunjoni ta' proprjeta` li l-ligi ma tiffavorihx.

Iz-zmien ta' ghaxar snin li ssemmi fid-dispozizzjoni jibda jghaddi minn meta jkun inholoq l-istat ta' komunjoni.

**L-Art. 495A (5)** jaghti fakolta` lill-komproprjetarji 'dissidenti' li jopponu l-bejgh billi "*jiddikjaraw xi jkun il-pregudizzju gravi li huma jew il-komproprjetarji li jkunu jirraprezentaw jistghu ibatu minhabba l-bejgh*." Meta l-bejgh isir lil terzi, il-komproprjetarji kollha – kemm dawk li jridu l-bejgh u kemm

dawk li ma jridux – ghandhom komuni l-interess illi, jekk il-bejgh isir, dan ikun bl-ahjar prezz. Dan l-interess komuni jghin biex ma jmorrux minn taht dawk li ma jridux ibighu ghax ghallinqas ikunu kisbu prezz tajjeb ghas-sehem li, kontra qalbhom, ikollhom ibieghu.

Fil-kaz odjern l-eredita` gjacenti ma tistax tkun meqjusa bhala komproprjetarja "dissidenti" fit-tifsira ordinarja tal-kelma. Proprjament hija rapprezentata minn kuraturi li ma jistghux jagixxu *de proprio* biex jitrasferixxu kapital appartenenti lill-eredita`, imma biss bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti wara li jsiru certi accertamenti fl-interess tal-eredita` gjacenti. Id-dissens, f'dan il-kaz, jikkonsisti fil-limitazzjonijiet impost mil-ligi fuq l-istess kuraturi.

Madankollu l-kompitu tal-Qorti fil-procedura istitwita taht l-**artikolu 495A** hija biex tistabbilixxi jekk il-komproprjetarju/i dissident ma jkunux gravament pregudikati. Inoltre`, jinkombi fuq 'l hekk imsejha dissidenti, l-oneru li juru dan il-pregudizzju gravi.

Dawn iz-zewg konsiderazzjonijiet mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern. Fl-ewwel lok, il-Qorti, mitluba biex tissindaka l-aljenazzjoni ta' kapital formanti parti minn eredita' gjacenti, m'ghandha l-ebda limitazzjoni fuq il-grad ta' pregiudizzju applikabbli, ghalkemm, ovvjament, wiehed jistenna li d-diskrezzjoni tal-Qorti hija applikata ragjonevolment. Fit-tieni lok, huma r-rikorrenti li ghandhom il-piz li jikkonvincu lil din il-Qorti dwar il-vantaggjosita' tat-trasferiment u mhux il-kuraturi biex juru li jista' jigi rekat pregudizzju.

Illi l-istanza tal-lum qeghda tkun promossa mir-rikorrenti illi flimkien mal-intimat *nomine*, huma komproprjetarji fi kwoti ndivizi tal-fond bin-numru tnejn u tletin (32) u tlieta u tletin (33) Triq it-Twila Zebbug. It-titlu tal-partijiet fl-ishma promossi fir-rikors jirrizulta ppruvat.

Illi *in vista* tac-certifikat tal-mewt ta' Nazzareno Azzopardi, irrizulta fil-paragrafu 7 li d-decujus kellu wild li kienet tifla, u *in vista* tad-digriet ta' din il-Qorti, datat 30 ta' Gunju 2015, l-Kuraturi Deputati kkomunikaw maghha b'ittra fl-indirizz muri fuq ic-certifikat, fejn giet infurmata bit-talba tar-rikorrenti fil-kaz odjern. (fol 69). In segwitu, ma giet ipprezentata l-ebda risposta daparti tal-eredi ta' Nazzareno Azzopardi.

Jidher li Nazzareno Azzopardi kien ilu jghix l-Awstralja qabel miet u l-eredi wkoll tghix l-Awstralja. Ghalhekk, f'cirkostanzi bhal dawn, ikun iktar vantaggjuz li l-eredi jkollhom sehem likwidu mill-kwota indiviza zghira minn proprjeta` li ma tista' tkun ta' ebda vantagg tenut kont tac-cirkostanzi. Ghaldaqstant, fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti li tixtri sehemha ma johloq l-ebda pregudizzju gravi ghall-eredi.

Fil-kaz in ezami, it-talba tar-rikorrenti mhux ghall-bejgh ta' din il-proprjeta` biex ma tibqax in komproprjeta mal-eredi ta' Nazzareno Azzopardi, izda biex tkun tista' takkwista hi personalment it-terz indiviz li jappartjeni lill-eredi, ta' Nazzareno Azzopardi u b'dan il-mod il-fond in kwistjoni ma jibqax b'koproprjeta` naxxenti minn successjoni.

Ghalhekk, fil-kaz in ezami, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif enuncjati, tilqa' t-talba kif dedotta mir-rikorrenti li hija tixtri terz indiviz proprjeta` tal-eredita` gjacenti ta' Nazzareno Azzopardi.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi :

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u taqta' u tiddeciedi li s-sehem ta' terz (1/3) indiviz tal-proprjetajiet enumerati (32) u (33) fi Triq it-Twila, Zebbug, Malta, appartenenti lill-eredita' ta' Nazzareno Azzopardi, ghandu jinbiegh lir-rikorrenti u dan bil-prezz komplessiv ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000).

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tordna li wara li tithallas s-somma hekk likwidata permezz ta' cedola fir-Registru tal-Prim'Awla Tal-Qorti Civili, is-sehem ta' t-terz indiviz (1/3) tal-fondi 32 u 33 fi Triq it-Twila Zebbug, Malta' proprjeta' tal-eredita' gjacenti ta' Nazzareno Azzopardi jigu mibjugha lill-attrici Josephine *sive* Josette Mifsud, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghhom sabiex effettivament l-attrici Josette Mifsud issir il-proprjetarja assoluta tal-fondi 32 u 33 fi Triq it-Twila Zebbug, Malta;

3. **Tilqa' t-tielet talba** billi tahtar lin-**Nutar Dottor Rachel Busuttil,** Nutar Pubbliku, biex tippubblika l-kuntratt opportun ta' bejgh u tinnomina lill-Avukat **Dr. Noel Bartolo**

biex jirraprezenta l-eredita` gjacenti ta' Nazzareno Azzopardi fuq l-istess kuntratt tal-bejgh. Il-kuraturi ghandhom jircievu l-hlas tal-prezz ghan-nom tal-istess eredita` ammontanti ghall-tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000) u jiddepozitaw l-istess, wara li titnaqqas taxxa dovuta b'cedola taht l-awtorita tal-Qorti sabiex tithallas lil min juri li ghandu dritt lill-Qorti kompetenti.

**Tordna** li l-kuntratt ta' bejgh jigi ppubblikat nhar il-Gimgha 26 ta' Frar 2016 f'nofsinhar fl-edificcju tal-Qrati Superjuri ta' Malta.

**L-ispejjez kollha - inkluzi l-ispejjez Notarili u dawk tal-kuraturi nominati - jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Jannar 2016**